**4 ta' Marzu, 1963**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Angela Debono et.**

***versus***

**Rosaria Falzon et.**

**Testment — Interpretazzjoni — Legat — Sub-Legat — Użu — Abitazzjoni**

*F'materja ta' nterpretazzjoni ta' testmenti l-Imhallef ghandu latitudini kbira ta' apprezzament; hu ghandu jistudja l-vera volontà tat-testatur, u, biex jikkonstataha, jikkonsulta l-kliem u l-ispiritu tad-dispożizzjoni testamentarja. billi jaghti prevalenza lill-ispiritu fuq il-kliem, jew jaghti l-prevalenza lill-kliem meta l-intenzjoni tat-testatur ma tkunx ċara u thalli xi dubju. S'intendi, l-Imhallef ma ghandux, taht parvenza ta' nterpretazzjoni, jikkrea volontà ohra minflok dik interpretata, u lanqas jiżnatura l-vera volontà tat-testatur.*

*Meta t-testatur ihalli legat. u lill-legatarju jordnalu jaghti xi haġa lil terza persuna jew jaghmel xi haġa ghal dik it-terza persuna, ikun hemm legat oncrus. u t-terz, bhala sublegatarju, ghandu d-drittijiet kollha li l-liġi tannetti lill-legati.*

*Ordinarjament, dan is-sublegat, aċċessorju ghal-legat prinċipali, jibqa' jissussisti avvolja l-legat prinċipali jaqa', bhal meta jmut il-legatarju u bil-mewt tieghu tavvera ruhha l-kaduċità tal-legat; imma dan ma ghandux jiġi elevat bhala prinċipju assolut; ghax ghandha tiġi ndagata l-volontà tat-testatur fil-każ partikulari. Hekk, fil-każ preżenti, it-testatriċi halliet dar bhala legat lill-bintha, bl-obligu illi, jekk bintha ohra li allura kienet soru ma tkomplix tghix fil-hajja monastika, bintha l-legatarja tkun obligata tehodha tikkoabita maghha f'dik id-dar minghajr ma thallas ebda kera jew korrispettiv iehor; il-legatarja mietet qabel it-testatriċi u l-legat waqa' bil-mewt taghha; imma ġie deċiż illi s-sublegat baqa' jissussisti favur is-sublegatarja, u l-fond legat ġie dikjarat suġġett ghall-użu u abitazzjoni tas-sublegatarja tul hajjitha minghajr obligu li thallas kera jew korrispettiv iehor.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi fl-4 ta' Awissu 1959 mietet Giuseppa Falzon, omm u nanna rispettivament tal-kontendenti; u billi b'żewġ testmenti fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tal-14 ta' Frar 1945 u tal-14 ta' Diċembru 1946 l-imsemmija Giuseppa Falzon istitwiet eredi universali tagħha lill-uliedha f'sehem ugwali bejniethom, u ċjoè Leonardo, Maria Concetta Spiteri, Francesca Barbara, Angelo Debono, Giuseppa, Paolo, Giovanna Debono, Suor Albina fis-seklu Rosaria, u Carmela aħwa Falzon; u billi fit-13 ta' Awissu 1958 mietet il-fuq imsemmija Maria Concetta Spiteri, li ħalliet warajha lid-disgħa wliedha, ċjoè l-atturi aħwa Spiteri; u billi bl-istess testmenti l-imsemmija Giuseppa Falzon ħalliet b'titolu ta' prelegat lill-bintha Carmela Falzon il-fond urban f'Ħal-Kirkop, Trieq San Benedetto, numru 37 il-lum 23, bil-ġardina annessa u retroposta, kif suġġetta għall-piż perpetwu ta' quddiesa bl-istess testmenti, u ordnat illi, jekk bintha l-oħra Rosaria Falzon għal kwalunkwe kawża u raġuni ma tkomplix fil-ħajja monastika, l-imsemmija Carmela Falzon tkun obligata li teħodha tikkoabita magħha fl-imsemmi fond mingħajr ma din tkun obligata tħallas ebda kera jew korrispettiv ieħor; u billi l-imsemmija Carmela Falzon mietet qabel it-testatriċi Giuseppa Falzon, u ċjoè fid-19 ta' Ġunju 1957, u b'hekk l-imsemmi prelegat waqa' u ma baqgħax iseħħ, bil-konsegwenzi u effetti tiegħu kollha; u billi l-konvenuta Rosaria Falzon ma komplietx fil-ħajja monastika, u qegħdha tippretendi illi in forza tat-testment fuq imsemmija hi għandha d-dritt li tagħmel użu minnu u tabita fil-fond fuq imsemmi mingħajr ma tħallas kera jew korrispettiv ieħor; u billi l-assi tal-imsemmija Giuseppa Falzon jikkonsisti, barra mill-fond fuq imsemmi, f'beni oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; jitolbu illi, prevja d-dikjarazzjoni illi l-fond urban f'Ħal-Kirkop, Trieq San Benedetto numru 37, il-lum 23, bil-ġardina annessa u retroposta, mhux suġġett għad-dritt tal-użu u abitazzjoni mingħajr ħlas ta' kera jew korrispettiv ieħor a favur tal-konvenuta Rosaria Falzon, (1) jiġi firmat u likwidat l-assi ereditarju tal-imsemmija Giuseppa Falzon, omm u nanna rispettivament tal-kontendenti, billi jiġi dikjarat illi jikkonsisti f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) u wara li jiġi hekk firmat u likwidat, l-istess assi jiġi diviż fi tmien por-

zjonijiet ugwali, u dawn jiġu assenjati porzjoni kull wieħed lill-atturi Angela Debono, Francesca Barbara, Giuseppe Falzon, u lill-konvenuti Rosaria Falzon, Leonardo Falzon, Paolo Falzon, u Giovanna Debono, u porzjoni waħda bejn id-disgħa aħwa Spiteri ulied il-mejta Maria Concetta Spiteri; (3) u jiġi nominat nutar publiku sabiex jippublika l-att opportun, u jiġu nominati wkoll kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi, fil-każ li jkun hemm bżonn. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Novembru 1962, li biha ddeċidiet il-kawża billi (1) iddikjarat illi l-fond urban indikat fiċ-ċitazzjoni, ċjoè no. 23, ġa no. 37, Trieq San Benedetto, Kirkop, bil-ġardina annessa u retroposta, huwa suġġett għad-dritt tal-użu u tal-abitazzjoni tul ħajjitha, mingħajr ħlas ta' kera jew korrispettiv ieħor, a favur tal-konvenuta Rosaria Falzon, bl-ispejjeż kontra l-atturi; (2) illikwidat l-assi ereditarju ta' Giuseppa Falzon, oltre fil-fond urban fuq imsemmi, fl-oġġetti ta' għamara u tad-deheb u fil-flus fuq imsemmija, tal-valur komplessiv ta' £82.17.1; (3) iddividiet dawn il-beni mobili u flus fi tmien porzjonijiet indaqs...... Innominat lin-Nutar Paul Pellgrini Petit biex jirċievi u jippublika l-kuntratt tad-diviżjoni...... Fl-aħħarnett ordnat il-bejgħ b'liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta oblaturi estranei, tal-fond fuq imsemmi, bil-ġardina annessa u retroposta, kif suġġett għall-piż perpetwu ta' quddiesa letta kull sena, u kif ukoll suġġett għall-użu u abitazzjoni tul ħajjitha favur Rosaria Falzon, kif il-fuq indikat, biex ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, jiġi diviż......;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi b'din il-kawża qegħdha tintalab il-firmazzjoni u d-diviżjoni tal-assi ereditarju ta' Giuseppa Falzon...... Hi għamlet żewġ testmenti, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrni Petit, wieħed fl-14 ta' Frar 1945 u l-ieħor fl-14 ta' Diċembru 1946 Bl-ewwel wieħed, fost dispożizzjonijiet oħra, wara li fl-artikolu tnejn ħalliet lill-bintha Carmela Falzon b'titolu ta' prelegat, bħala rikompens tas-serviġi u assistenzi minnha prestati lilha, il-kamra laterali tal-fond f'Ħal-Kirkop, Trieq San Benedetto, allura numru 37, il-

lum numru 23, li minnu kellha tiġi segregata, u bl-istess titolu ta' prelegat dak kollu li kien jinsab fid-dar tagħha tal-abitazzjoni "a limine intus", innominat bħala eredi universali tagħha f'sehem ugwali bejniethom lid-disgħa wliedha, ċjoè Leonardo...... Bit-tieni testment, id-decujus fl-ewwel artikolu ħassret l-artikolu tnejn tat-testment preċedenti, u ssostitwietu billi għamlet din id-dispożizzjoni, ċjoè ħalliet b'titolu ta' prelegat lill-bintha Carmela Falzon, u dan bħala rikompens tas-serviġi u assistenzi minnha lilha prestati, il-fond fuq imsemmi; u bit-tieni artikolu ta' dan l-aħħar testment hi ordnat illi, jekk bintha l-oħra Rosaria Falzon, allura Suor Albina, ma tkomplix fil-ħajja monastika, l-imsemmija Carmela Falzon tkun obligata; teħodha tikkoabita magħha fl-imsemmi fond mingħajr ma din tkun obligata tħallas ebda kera jew korrispettiv ieħor. Fil-bqija, it-testment preċedenti ġie konfermat;

Illi, kif issottometta l-perit legali, bejn id-data tal-aħħar testment u l-mewt tat-testatriċi, Carmela Falzon mietet xebba u l-konvenuta Rosaria Falzon, li qabel kienet soru, ħalliet il-ħajja monastika, u li Maria Conċetta Spiteri mietet bla tfal; li minn dan isegwi (a) li bil-mewt ta' Carmela Falzon fid-19 ta' Ġunju 1957 intgħamel lok għall-akkrexximent favur l-eredi l-oħra kollha, li minflok disgħa saru tmienja, u hekk mill-wirt ġie imisshom ottav kull wieħed flok waħda minn disgħa parti, (b) li bil-mewt ta' Maria Spiteri fit-13 ta' Awissu 1958 intgħamel lok għas-sostituzzjoni volgari favur id-disgħa wliedha, li kull wieħed minnhom ġie jmissu d-disgħa parti ta' ottav, ċjoè waħda minn tnejn u sebgħejn parti mill-eredità; (ċ) li l-prelegat tad-dar numru 23 Trieq San Benedetto, Kirkop, u tal-kontenut tagħha favur Carmela Falzon, minħabba l-premorjenza ta' din għat-testatriċi ommha, saru kaduki, u dik id-dar, salva l-kwistjoni li sejra tissemma l-quddiem, u dak il-kontenut tagħha, ta' mobbli, eċċ., ġew jiffurmaw parti mis-sustanzi ereditarji ta' Giuseppa Falzon;

Din il-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-perit legali. Del resto, ħadd mill-partijiet ma kkontrasta dawn is-sottomissjonijiet. Lanqas ma ġiet kontrastata s-sottomissjoni l-oħra tal-perit legali mill-partijiet, u l-Qorti taqbel magħha, li ċjoè l-konvenuta Rosaria Falzon, meta ġiet biex tidħol soru, kienet irċeviet minn għand ommha s-somma ta' £140......;

Illi, għar-raġunijiet sottomessi mill-perit legali, issostanzi rimanenti komprendenti l-assi ereditarju u li huma diviżibbli, minbarra d-dar ġa msemmija, jammontaw għal £82.17.1, ċjoè £55 fi flus......;

*Omissis;*

Illi d-diffikultà bejn il-kontendenti nqalgħet rigward il-fond fuq imsemmi numru 37, il-lum 23, Trieq San Benedetto, Kirkop. Il-perit legali ssottometta li għas-soluzzjoni ta' din id-diffikultà wieħed irid jara jekk il-premorjenza ta' Carmela Falzon għat-testatriċi ġiebetx magħha, oltre l-ineffikaċja tal-ewwel artikolu tat-testment tal-14 ta' Diċembru 1946, li bih il-fond imsemmi ġie mħolli lil Carmela Falzon, anki l-ineffikaċja tat-tieni artikolu tal-istess testment, li huwa hekk konċepit:— "It-testatriċi trid u tordna illi, jekk bintha l-oħra Rosaria Falzon, il-lum Suor Albina ta' San Vinċens de' Paoli, għal kwalunkwe raġuni u kawża, ma tkomplix fil-ħajja monastika, l-imsemmija bintha Carmela Falzon tkun obligata teħodha tikkoabita magħha fl-imsemmi fond f'Ħal-Kirkop, Trieq San Benedetto, numru 37, il-lum numru 23, mingħajr ma din tkun obligata li tħallas ebda kera jew korrispettiv ieħor"; u dan in vista tal-fatt illi mill-mod kif dan l-artikolu hu konċepit l-atturi jsostnu li Carmela Falzon, darba li mietet, ma setgħetx tieħu lil Rosaria Falzon tikkoabita magħha fl-imsemmi fond, u li allura dan il-legat, li kien aċċessorju ta' dak imħolli lil Carmela Falzon, waqa' wkoll, la waqa' l-legat prinċipali;

Illi rigward din il-kwistjoni l-perit legali osserva, fuq l-insenjamenti tad-dottrina ġuridika u l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna, li l-obligu mpost lil Carmela Falzon fit-testment tal-14 ta' Diċembru 1946, li tieħu magħha fid-dar lilha mħollija b'legat lill-oħtha Rosaria fil-każ li din ma tibqgħax fil-ħajja monastika, jikkostitwixxi mod, u mhux kondizzjoni; li l-mod huwa l-obligu mpost mit-testatur lill-eredi jew lil-legatarju bħala piż tal-liberalità; li l-legat mhux vinkolat għal espressjonijiet sagramentali, u anki dispożizzjonijiet magħmulin taħt forma ta' piż jistgħu jiffurmaw legat veru u proprju; illi, jekk il-piż huwa ordnat favur ta' terza persuna, huwa diffiċli tiddistingwieh minn legat veru u proprju, u kwindi din it-terza persuna għandha nteress u azzjoni biex teżiġi l-adempiment tiegħu; li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-ineffi-

kaċja tad-dispożizzjoni prinċipali ma ġġibx magħha dik tal-obligu li jikkostitwixxi l-"mod", jew, kif issejħulu ċerti awturi, tas-"sublegat"; li għalhekk wieħed għandu jiġi għall-konklużjoni li t-tieni artikolu tat-testment tal-14 ta' Diċembru 1946, fejn ġie mpost l-obligu lil Carmela Falzon, bħala dik li kienet sejra ssir proprjetarja tad-dar, u għax kienet hekk sa ssir proprjetarja — korrispondenti dan l-obligu għad-dritt konsegwenzjali lil Rosaria Falzon li jekk toħroġ minn soru, kif fil-fatt ġara, tmur toqgħod f'dik id-dar mingħajr ma tħallas kera — ma sarx ineffikaċi, non ostante l-premorjenza ta' Carmela Falzon għat-testatriċi;

Infatti, hawn legat għalieh u ndipendenti minn dak kontenut fl-ewwel artikolu tal-istess testment, dak ċjoè li ta lil Rosaria Falzon id-dritt tal-abitazzjoni fil-każ li hi tabbanduna l-ħajja monastika; l-obligu mpost lil Carmela Falzon fl-ewwel artikolu ma kienx personali għaliha bħala Carmela Falzon, imma reali u inerenti għad-dar stess imħollija lilha; l-event li pprevediet it-testatriċi juri l-intenzjoni tagħha li tfornixxi alloġġ lill-bintha Rosaria jekk toħroġ minn soru, u dan speċjalment fi żmienijiet meta huwa tant diffiċli li wieħed isib fejn joqgħod, partikolarment jekk il-mezzi tiegħu jkunu limitati, għalkemm kollegat mad-dispożizzjoni prinċipali tal-legat tad-dar lil Carmela Falzon fl-artikolu wieħed; id-dritt tal-abitazzjoni lil Rosaria Falzon jifforma oġġett ta' dispożizzjoni għaliha fl-artikolu tnejn; l-intenzjoni tat-testatriċi li tagħti lill-bintha Rosaria fejn toqgħod tidher aktar ċara mill-fatt li, fil-waqt li l-legat minnha mħolli fl-ewwel artikolu lil Carmela tal-assistenzi u serviġi li hi kienet pprestatilha, dak inveċe li hi ordnat li għandu jsir favur Rosaria, fit-tieni artikolu, ma huwa motivat minn ebda raġuni ta' rikompensa; ċjoè it-testatriċi ordnat li Rosaria għandha tmur tikkoabita fid-dar ma' Carmela mingħajr ma tħallas ebda kera sempliċement u unikament għaliex riedet li Rosaria, jekk toħroġ minn soru, ikollha fejn toqgħod, u ċertament din il-volontà tat-testatriċi ma tistgħax tiġi nieqsa minħabba li l-legatarja l-oħra ppremoriet għaliha; kwindi dan il-fatt tal-premorjenza ta' Carmela ma jistgħax ikun ta' preġudizzju għall-konvenuta Rosaria Falzon;

Illi l-atturi jissottomettu li l-obligu mpost mit-testatriċi kien personali lil-legatarja Carmela Falzon, u bl-ebda mod ma jista' jiġi nterpretat bħala sublegat. Huma wkoll jirrile-

vaw li l-legatarja mietet xi sentejn qabel it-testatriċi, u Rosaria Falzon f'dak il-mument kienet ġa ħarġet mill-ħajja monastika, u għalhekk jirriżulta li, għalkemm Rosaria Falzon damet toqgħod ma' ommha għal sentejn, it-testatriċi ma għamlet ebda alterazzjoni fit-testment, għalkemm kellha kull opportunità li tagħmel hekk; u la ma għamlet ebda alterazzjoni, u l-legat imħolli lil Carmela Falzon kien waqa' minħabba l-mewt tagħha, waqa' wkoll l-obligu mpost lill-istess Carmela li tieħu magħha lill-oħtha tikkoabita magħha. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-perit legali, u kwindi tadottaha, għall-istess raġunijiet li ġew minnu sottomessi. Rigward ir-riljev sottomess mill-atturi jiġi osservat, bħal ma tissottometti l-konvenuta Rosaria Falzon, li t-testatriċi ma kellhiex għalfejn tbiddel it-testment tagħha, darba li hi kienet ġa pprovdiet favur bintha Rosaria l-abitazzjoni gratuwita fl-imsemmi fond. L-atturi jsemmu wkoll il-fatt, permezz tax-xhieda tal-attriċi Angela Debono, li wara li Rosaria Falzon ma baqgħetx soru, hi kienet marret toqgħod id-dar ma' ommha u oħtha Carmela, u kien inqala' nkwiet, tant li ommha keċċietha minn dik id-dar. minn fejn baqgħet nieqsa għal xi erbgħa xhur, u li kwindi. kieku t-testatriċi kienet verament ħalliet xi legat lill-bintha Rosaria, minħabba dan l-inkwiet li nqala' it-testment kienet tħassru rigward dak il-legat. Però, apparti konsiderazzjonijiet oħra, jiġi osservat li l-inkwiet li jsemmu l-atturi ġie appjanat fi żmien qasir, u Rosaria Falzon kienet reġgħet marret toqgħod fl-istess dar ma' ommha, u wara li mietet oħtha Carmela, u kwindi, sakemm mietet it-testatriċi ommha, u kienet hi li pprestat lill-ommha s-servizi li kellha bżonn sakemm mietet;

Illi, però, din il-Qorti ma taqbelx mal-perit legali in kwantu li kkonkluda. għar-raġunijiet minnu sottomessi, li Rosaria Falzon bil-legat lilha mħolli mit-testatriċi ommha għandha d-dritt li tokkupa mingħajr ħlas u tul ħajjitha, mhux id-dar kollha fuq imsemmija, imma biss parti minnha, dik li hi neċessarja għall-bżonnijiet tagħha personali, ċjoè il-parti tad-dar li hija rappreżentata mill-kamra laterali. L-obligu li ġie mpost lil Carmela Falzon, li tieħu tikkoabita magħha lill-oħtha Rosaria Falzon, ma jidherx limitat, b'mod illi, kieku Carmela Falzon baqgħet ħajja, din ma kienetx jista' timponi u tirrikjedi li oħtha Rosaria Falzon tuża mid-dar il-kumditajiet li kien ikun jidhrilha; u kwindi Rosaria Falzon, bħala legatarja, għandha d-dritt tal-użu u abitazzjoni tad-dar kollha;

Illi għalhekk, il-fond jew dar imsemmija, stante l-mewt ta' Carmela Falzon, jidħol fl-assi ereditarju tad-decujus, suġġett għad-dritt tal-użu u abitazzjoni tul ħajjitha tal-konvenuta Rosaria Falzon. Huwa evidenti li l-istess dar, stante l-kwoti ta' kompartecipazzjoni fiha kif fuq indikati, tal-kontendenti, ma tistgħax tiġi diviża bejniethom komodament u mingħajr diskapitu, u kwindi trid tiġi liċitata, biex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti ta' kompartecipazzjoni tagħhom fiha. Jirriżulta li l-istess dar hija assoġġettata, jew aħjar ġiet assoġġettata mit-testatriċi, għall-piż annwu u perpetwu ta' quddiesa letta fis-sena bl-elemożina "pro tempore" korrenti, li għandha tiġi ċelebrata fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Kirkop;

Rat in-nota tal-atturi fol. 94, li biha appellaw lil din il-Qorti, u l-petizzjoni tagħhom fol. 95, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata f'dik il-parti tagħha fejn ġie dikjarat li l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni numru 23, ġa 37, Trieq San Benedetto, Ħal-Kirkop, bil-ġardina annessa u retroposta, huwa suġġett għad-dritt tal-użu u abitazzjoni tul ħajjitha, bla ħlas ta' korrispettiv, favur Rosaria Falzon, bl-ispejjeż kontra l-atturi, billi minflok din il-Qorti tiddikjara, konformement għat-talba tal-atturi fiċ-ċitazzjoni, li dak il-fond ma hux suġġett għal dak id-dritt; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, għar-rigward tal-istess deċiżjoni, dwar dan il-fond; u billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appell hu limitat għall-kwistjoni, li l-prattiċi kienu jsejħu "eleganti," dwar jekk, malgrado l-premorjenza għat-testatriċi Giuseppa Falzon ta' bintha Carmela Falzon, baqgħax sussistenti s-sublegat favur il-konvenuta Rosaria sive Rosina Falzon, ta' użu u abitazzjoni gratuwita tal-fond numru 23, ġa numru 37, Trieq San Benedetto, Kirkop, bil-ġardina annessa;

Bit-testment tagħha in atti Pellegrini Petit tal-14 ta' Diċembru 1946, kopja fol. 11, it-testatriċi Giuseppa Falzon,

fl-ewwel artikolu, ħalliet dak il-fond in prelegat lil bintha Carmela Falzon; mbagħad, fit-tieni artikolu, qalet hekk:— "It-testatriċi trid u tordna illi, jekk bintha l-oħra Rosaria Falzon, il-lum Suor Albina ta' San Vinċens de Paoli, għal kwalunkwe raġuni u kawża ma tkomplix fil-ħajja monastika, l-imsemmija bintha Carmela Falzon tkun obligata illi teħodha tikkoabita magħha fl-imsemmi fond f'Ħal-Kirkop, Trieq San Benedetto, numru 37, mingħajr ma d'n tkun obligata tħallas kera jew korrispettiv ieħor;

Ikkunsidrat;

Din hi kwistjoni ta' nterpretazzjoni ta' dan il-laxxitu testamentarju. F'materja simili huma rilevanti l-kliem tal-Laurent, Princip. Dto. Civ., Vol. XIV, p. 124:— "Per concludere, i giudici godono, in questa materia, di una grande latitudine di apprezzamento; essi debbono studiarsi di afferrare la vera volontà del testatore; per constatarla, consulteranno la lettera e lo spirito delle disposizioni, dando ora la preferenza allo spirito sulla lettera, ed ora facendo prevalere la lettera certa sopra una intenzione dubbia";

L-istess, il-Baudry jirrikonoxxi dawn il-"larghissimi poteri d'interpretazione"; s'intendi, bil-limitazzjoni li, taħt parvenza ta' nterpretazzjoni, ma tiġix kreata volontà flok interpretata, u li ma tiġix anqas żnaturata l-vera volontà tad-disponent (Testmenti, Vol. II, pag. 16);

Issa, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li fil-każ preżenti l-prelegat ta' dak il-fond favur Carmela Falzon kien dak li dottrinalment jissejjaħ "legato con onere", li jirrikorri meta, fil-kliem tal-Laurent, Vol. XIII, paġ. 468, "il testatore prescrive al legatario di dare qualche cosa ad un terzo, o di fare qualche cosa per un terzo". U dan l-awtur jiċċita lil Ricord, li appuntu jsejjaħ dispożizzjonijiet simili "onerose". Ikompli jgħid il-Laurent — paġ. 469 — "L'onere è una liberalità che il testatore fa al terzo; questi è un legatario, ed ha tutti i diritti cha la legge annette ai legati";

Issa, il-pont hu jekk, stante l-premorjenza tal-prelegatarja Carmela Falzon għat-testatriċi ommha Giuseppa Falzon, u l-konsegwenti kaduċità ta' dak il-prelegat, ġiex anki kadukat is-sublegat favur Rosaria sive Rosina Falzon, impost bħala "onere" fuqu;

Josserva mbagħad dan l-awtur (u bir-raġun) li wieħed ma jistgħax jeriġi dan il-prinċipju bħala regola ġenerali, għax inkella tiġi kreata speċi ta' preżunzjoni legali, imma l-Imħallef għandu, "caso per caso", jara x'kienet il-volontà tad-disponent. Jiċċita wkoll diversi każijiet deċiżi mill-Qrati Franċiżi, fosthom każ li fih it-testatur kien ħalla lil parenti tiegħu rendita vitalizja ta' 8000 frank, li minnhom elf kellhom ikunu riversibbli favur mart it-testatur meta jmut dak il-parenti. Fil-fatt, dan il-parenti miet qabel it-testatur u ġiet il-kwistjoni jekk spiċċatx b'daqshekk ukoll ir-rendita ta' elf frank favur mart it-testatur, li kienu parti mit-8000 frank. Il-Qorti ta' Pariġi ddeċidiet li, avvolja ż-żewġ renditi kienu kompriżi fi klawsola waħda tat-testment (fil-każ preżenti l-kawsoli huma tnejn), iż-żewġ laxxiti kienu ndipendenti wieħed mill-ieħor;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti hi ta' fehma illi b'dan is-sublegat it-testatriċi riedet tipprovdi abitazzjoni lill-bintha Rosaria fil-każ li din ma tibqgħax soru. Issa, ma hux raġjonevoli li jingħad li t-testatriċi riedet li Rosaria jkollha fejn toqgħod jekk bintha l-oħra tikkonsegwixxi l-prelegat, mentri ma xtaqitx dan jekk Carmela ma tieħux il-prelegat; hu raġjonevoli, inveċe, li wieħed jgħid li hija riedet li bintha, jekk toħroġ minn soru, ikollha fejn toqgħod "fi kwalunkwe każ";

Jiġi osservat ukoll li ma hemm xejn fit-testment li juri li t-testatriċi riedet tiggratifika unikament u esklużivament lil Carmela, b'mod li, jekk din ma tieħux il-prelegat, allura ma tieħu xejn bintha l-oħra. Anzi, kif jgħid tajjeb l-istess Laurent, p. 245, hemm każijiet li fihom il-volontà tad-disponent li jimmantjeni s-sublegat, non ostante l-kaduċità tal-legat prinċipali, tista' tiġi deżunta minn natura tal-ħaġa legata. Issa, l-abitazzjoni u l-użu tal-fond kien bżonn li għalieh it-testatriċi riedet tissopperixxi favur Rosaria indipendentement mil-liberalità tagħha favur Carmela, għalkemm "per accidens" iż-żewġ liberalitajiet kienu jirrigwardaw fond wieħed. U appuntu, fit-trattat tiegħu "Theatrum Veritatis et Justitiae", il-Kardinal de Luca, Volum De Legatis, Discursus XXIII, paġ. 31, fejn jitkellem fuq dawn il-legati "cum onere", jiddistingwi tliet każijiet, ċjoè dak li fih il-legat "respicit favorem" tal-legatarju prinċi-

pali, ċjoè isir "intuitu ejus" (f'liema każ "omnes concordant" li l-kaduċità tal-legat prinċipali iġġib anki dik tassublegat); dak li fih id-dispożizzjoni "respicit commodum" tas-sublegatarju (f'liema każ "est absolutum" li s-sublegatarju ma hux preġudikat bil-kaduċità tal-legat prinċipali); u infine dak "mixtus", li "respicit commodum utriusque" (u f'każ simili l-maġġjoranza tal-awturi jirritjenu li s-sublegat ma hux preġudikat. U jkompli jgħid, dan il-Kard. De Luca, li din l-opinjoni fit-tielet każ "magis de plano procedit", meta si tratta ta' sublegat "in favore alimentorum"; u jgħid li l-laxxitu tal-abitazzjoni hu "pars alimentorum";

Fil-każ preżenti, żgur li d-dispożizzjoni ma kienetx tirrigwarda esklużivament il-kommodu ta' Carmela;

Intqal mill-appellanti li Carmela mietet xi sentejn qabel it-testatriċi, u dak iż-żmien Rosaria kienet ġa ħarġet minn soru, u li għalhekk wieħed kien jistenna li t-testatriċi tagħmel alterazzjoni fit-testment. Iżda dan l-argument ma hux konvinċenti; għax it-testatriċi, bħala profana, ma setgħetx ikollha d-dubji li jinħolqu fl-aspetti legali tal-każ, u verosimilment kienet persważa li għall-abitazzjoni gratuwita ta' bintha Rosaria kienet ipprovdiet sikurament;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-atturi, kif ristrett għall-kwistjoni "de qua supra", u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra tagħhom. Il-kuntratt ordnat mill-Ewwel Onorabbli Qorti għandu jiġi publikat fit-18 ta' Marzu 1963, b'dawk il-modalitajiet.